

**Brussell, 15 ta' Jannar 2026
(OR. en)**

5298/26

**CLIMA 19
ENV 31
ENER 12
TRANS 11
IND 22
COMPET 41
MI 30
ECOFIN 30
DELECT 2**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 52 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'13.1.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 52 final.

Mehmuż: C(2026) 52 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2026
C(2026) 52 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'13.1.2026

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-
Reġistru tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030¹, ġie emendat fl-2023² sabiex jipprevedi l-kontribut tas-settur tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF, Land-Use, Land-Use Change and Forestry) għall-ambizzjoni akbar tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 fil-mija fl-2030 u jiġi żgurat li s-settur tal-LULUCF jagħti kontribut sostenibbli u prevedibbli fit-tul għall-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 kienet maqsuma f'żewġ perjodi ta' konformità, jiġifieri 2021-2025 u 2026-2030. Kull wieħed mill-perjodi ta' konformità jimponi obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-prestazzjoni tas-setturi tagħhom tal-LULUCF. Għat-tieni perjodu ta' konformità, ġew stabbiliti miri dwar l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-Istati Membri u għall-Unjoni kollha kemm hi. Sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' flessibbiltajiet għal kull wieħed mill-perjodi ta' konformità.

Sabiex tiġi segwita l-kisba tal-oġġettivi tar-Regolament (UE) 2018/841, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-kontabbiltà tal-operazzjonijiet rilevanti fir-Reġistru tal-Unjoni u t-traċċar tagħhom. L-att delegat għandu jintroduċi d-dispożizzjonijiet meħtieġa fir-Regolament tar-Reġistru tal-Unjoni (UE) 2019/1122³.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2018/841 u l-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea⁴, twettqu konsultazzjonijiet xierqa waqt it-tnejn ta' dan l-att delegat. L-esperti tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar it-Tibdil fil-Klima ġew ikkonsultati fil-laqgħat li saru fit-13 ta' Marzu, fit-2 ta' Mejju, fil-11 ta' Diċembru 2024 u fil-5 ta' Mejju 2025. Wara l-preżentazzjoni tan-nota kunċettwali u l-abbozzi sussegwenti tal-att delegat, l-esperti kellhom ukoll l-oportunità li jissottomettu kummenti bil-miktub dwar it-test. L-osservazzjonijiet tagħhom tqiesu kif xieraq fit-tnejn ta' dan l-att delegat.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (L107, 21.4.2023, p. 1).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali Bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat intbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati. L-osservazzjonijiet espressi mill-grupp ta' esperti tqiesu meta kien qed jitħejja l-att delegat.

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat fuq il-Portal tat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet għal perjodu ta' feedback ta' 4 ġimgħat mis-7 ta' April sal-5 ta' Mejju 2025. Matul dan il-perjodu, wasal feedback mingħand 2 awtoritajiet pubbliċi, 2 assoċjazzjonijiet tan-negozju u organizzazzjoni mhux governattiva. Il-biċċa l-kbira tal-feedback kien jikkonċerna l-qafas tal-LULUCF bħala tali, inklużi l-prinċipji bażiċi tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tal-gassijiet serra, il-funzjonament tal-flessibbiltajiet u l-obbligi għall-Istati Membri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/841, li kienu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ġhotti tas-setgħa lill-att delegat. Il-kummenti sottomessi permezz tal-portal, li kienu rilevanti għat-test tal-abbozz tal-att delegat u tejbju l-kwalità tiegħu, ġew aċċettati.

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2018/841 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta r-Regolament billi tistabilixxi r-regoli għar-reġistrazzjoni u t-twettiq preċiż tal-operazzjonijiet fir-Reġistru tal-Unjoni.

L-att delegat jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni⁵, sabiex jiġu inklużi r-regoli għar-reġistrazzjoni u t-twettiq tat-tranżazzjonijiet fis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF).

B'mod partikolari, dan li ġej hemm bżonn li jiġi rifless fir-Reġistru tal-Unjoni:

- (a) il-kwantità ta' emissjonijiet u assorbimenti għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art f'kull Stat Membru matul l-ewwel perjodu ta' konformità – l-Artikolu 59t(1) tal-att delegat;
- (b) l-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 12, 13 u 13a tar-Regolament (UE) 2018/841 disponibbli għall-Istati Membri għall-konformità matul l-ewwel perjodu ta' konformità – l-Artikoli 59w, 59x, 59z u 59ac tal-att delegat;
- (c) il-kwantità ta' emissjonijiet u assorbimenti fil-kategoriji jew setturi tar-rapportar tal-art f'kull Stat Membru matul it-tieni perjodu ta' konformità – l-Artikolu 59t(3) tal-att delegat;
- (d) l-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 12 u 13b matul it-tieni perjodu ta' konformità – l-Artikoli 59w, 59x u 59ab tal-att delegat;
- (e) il-konformità mal-miri skont l-Artikolu 13c matul it-tieni perjodu ta' konformità – l-Artikolu 59ad(5) tal-att delegat.

⁵ (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'13.1.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122² jistabbilixxi r-regoli għall-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni, stabbilit skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2018/841 ġie emendat⁴ biex jipprevedi l-kontribut tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) għaż-żieda fl-ambizzjoni tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u biex jiġi żgurat li s-settur tal-LULUCF jagħti kontribut fit-tul sostenibbli u prevedibbli għall-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/841, ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jiżgura r-reġistrazzjoni u t-twettiq preċiż tal-operazzjonijiet f'konformità ma' dak ir-Regolament.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli tar-Reġistru tal-Unjoni stabbiliti bir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiġu emendati sabiex jippermettu r-reġistrazzjoni tal-kwantitajiet ta' emissjonijiet u assorbimenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 u biex tiġi żgurata l-kontabbiltà preċiża tat-tranżazzjonijiet relatati mal-eżerċizzju tal-

¹ ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj).

³ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/839/oj>).

flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 11, 12, 13, 13a u 13b ta' dak ir-Regolament, kwalunkwe aġġustament metodoloġiku mwettaq f'konformità mal-Artikolu 14(1a) ta' dak ir-Regolament, u l-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 13c ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li r-Reġistru tal-Unjoni jiżgura li l-ebda trasferiment jew tranżazzjoni ma titwettaq li tkun inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2018/841.

- (5) Ir-Regolament (UE) 2018/841 introduċa żewġ perjodi ta' konformità, jiġifieri, mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, li matulhom l-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għal ċerti flessibbiltajiet għall-fini tal-konformità mal-obbligi imposti minn dak ir-Regolament.
- (6) B'konsegwenza ta' dan, u sabiex ikunu jistgħu jiġu rreġistrati u jitwettqu b' mod preċiż l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(1), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2018/841, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bosta kontijiet ġodda fir-Reġistru tal-Unjoni.
- (7) Sabiex tiġi riflessa d-differenza fil-karatteristiċi bejn iż-żewġ perjodi ta' konformità, jenħtieġ li jinfetħ kont wieħed ta' konformità tal-Unjoni għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE") għal kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' konformità tal-LULUCF. Il-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE jenħtieġ li jirrifletti s-somma tal-emissjonijiet netti jew tal-assorbimenti netti rreġistrati fil-kontijiet ta' konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri.
- (8) Bl-istess mod, jenħtieġ li jinfetħ "Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru" għal kull Stat Membru għal kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' konformità tal-LULUCF. Fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà previsti fir-Regolament (UE) 2018/841 huma disponibbli biss għal ċerti kategoriji ta' kontabbiltà tal-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwantità ta' emissjonijiet u assorbimenti kontabilizzati għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art tiġi rreġistrata fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru. Fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, il-mekkaniżmu tal-użu tal-art huwa disponibbli għall-kategoriji kollha tar-rapportar tal-art. Għalhekk, huwa biżżejjed li jiġu rreġistrati l-emissjonijiet u l-assorbimenti totali rrapportati għall-kategoriji tar-rapportar tal-art. Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-konformità, kemm il-mira tal-Istat Membru kif stabbilita fil-kolonna C tat-tabella fl-Anness IIA tar-Regolament (UE) 2018/841 kif ukoll il-baġit stabbilit għal dak l-Istat Membru jenħtieġ li jiġu riflessi fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru.
- (9) Sabiex jiġi vvalutat sa liema punt il-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikoli 12, 13, 13a u 13b tar-Regolament (UE) 2018/841 jenħtieġ li jsiru disponibbli, u wara l-introduzzjoni tad-data rilevanti tal-LULUCF fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru, jenħtieġ li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula l-bilanċ ta' dak il-kont jew mar-regola ta' "ebda debitu" li tkopri l-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, jew mal-mira speċifika tal-Istat Membru għat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF filwaqt li jitqies kwalunkwe aġġustament metodoloġiku mwettaq matul it-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF.
- (10) Meta l-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru jkun pożittiv, ir-Reġistru tal-Unjoni jenħtieġ li jorog unitajiet ta' assorbiment tal-art ("LRUs") fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li l-LRUs jinżammu biss fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru fir-Reġistru tal-Unjoni, u t-trasferiment tagħhom jenħtieġ li jkun permess biss taħt ċerti kundizzjonijiet u fuq talba tal-Istat Membru. F'konformità mal-Artikolu 12 tar-

Regolament (UE) 2018/841, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jittrasferixxu kwalunkwe surplus tal-LRUs tagħhom għall-kontijiet ta' konformità tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (Kont ta' Konformità tal-ESR) jew il-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru ieħor.

- (11) Sabiex isir użu mill-flessibbiltà tal-art forestali ġestita li hija disponibbli għall-Istati Membri fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, jenħtieġ li jinfetaħ kont ċentrali tal-flessibbiltà tal-art forestali ġestita tal-Unjoni ("Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE") fir-Reġistru tal-Unjoni, u jenħtieġ li jinħolqu unitajiet tal-allokkazzjoni għall-flessibbiltà tal-art forestali ġestita ("MFLFA", Managed Forest Land Flexibility Allocations) u jkunu riflessi fil-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE fil-kwantitajiet disponibbli għall-Istati Membri kif stipulati fir-Regolament (UE) 2018/841. Jenħtieġ li t-trasferimenti ta' tali unitajiet tal-allokkazzjoni minn dan il-kont ikunu permessi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/841.
- (12) Sabiex isir użu mill-kumpens addizzjonali disponibbli għall-Finlandja skont ir-Regolament (UE) 2018/841, jenħtieġ li jinfetaħ Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja fir-Reġistru tal-Unjoni u jenħtieġ li jinħolqu unitajiet tal-allokkazzjoni ta' flessibbiltà addizzjonali għall-Finlandja ("AFAP", Additional Flexibility Allocations for Finland) u jkunu riflessi f'dak il-kont fil-kwantitajiet disponibbli għall-Finlandja għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF kif stipulati fir-Regolament (UE) 2018/841. Jenħtieġ li t-trasferimenti ta' tali allokkazzjonijiet għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Finlandja ikunu permessi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13a tar-Regolament (UE) 2018/841.
- (13) Fi tmiem l-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-LRUs żejda mill-kontijiet ta' konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu ttrasferiti għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE sabiex fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF ikun jista' jiġi vvalutat jekk l-Unjoni laħqitx il-mira tagħha sabiex tikseb aċċess għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art fit-tieni perjodu ta' konformità u jenħtieġ li jinżammu f'dak il-kont fil-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 13b(3), il-punt (c), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2018/841 sakemm isseħħ il-valutazzjoni. Jenħtieġ li kwalunkwe kwantità oġhla minn dan il-limitu tiġi ttrasferita għall-Kont ta' Tħassir tal-LULUCF tal-UE.
- (14) Sabiex isir użu mill-flessibbiltà fl-użu tal-art li hija disponibbli għall-Istati Membri fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, jenħtieġ li jinfetaħ Kont Ċentrali għall-Flessibbiltà fl-Użu tal-Art tal-Unjoni ("Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE") fir-Reġistru tal-Unjoni, u jenħtieġ li jinħolqu unitajiet tal-allokkazzjoni għall-flessibbiltà fl-użu tal-art ("LUFA", land use flexibility allocations) u jkunu riflessi f'dak il-kont fil-kwantitajiet disponibbli għall-Istati Membri f'konformità mal-mekkaniżmu tal-użu tal-art kif stipulat fl-Artikolu 13b(4) tar-Regolament (UE) 2018/841. Jenħtieġ li t-trasferimenti ta' tali unitajiet tal-allokkazzjoni jkunu jistgħu jsiru meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13b tar-Regolament (UE) 2018/841.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj>).

- (15) Sabiex jiġi vvalutat jekk intlaħqux l-oġġettivi tar-Regolament (UE) 2018/841, jenħtieġ li r-Reġistru tal-Unjoni jippermetti wkoll il-kontrolli tal-konformità stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/841 billi jipprovdi proċedura għall-introduzzjoni tad-data rieżaminata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri, għall-kalkolu tal-bilanċ ta' dawk il-kontijiet, għad-determinazzjoni tal-figura tal-istatus ta' konformità tagħhom, u biex jiġu riflessi r-riżultati ta' kwalunkwe kalkolu mill-ġdid meħtieġ li jirriżulta minn aġġustamenti metodoloġiċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 14(1a) tar-Regolament (UE) 2018/841.
- (16) Għal dan l-għan, għat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, fejn kien hemm bidla fil-metodoloġija użata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ li tirriżulta f'differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif ippreżentata fl-2020 għas-snin 2016, 2017 u 2018, id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif ippreżentata fl-2025 għas-snin 2021, 2022 u 2023, u d-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif ippreżentata għas-snin 2021, 2022 u 2023 fl-2032, jenħtieġ li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula d-differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra u d-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra rieżaminata għal dawk is-snin u jiżgura li r-riżultat tal-kalkolu jkun rifless b'mod preċiż fil-baġit stabbilit għall-Istat Membru fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru.
- (17) Bl-istess mod, biex tiġi riflessa l-bidla fil-metodoloġija użata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, li tirriżulta f'differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif ippreżentata fl-2020 għas-snin 2016, 2017 u 2018, u d-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif ippreżentata fl-2032 għas-snin 2016, 2017 u 2018, jenħtieġ li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula d-differenza bejn is-somma tad-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra u s-somma tad-data medja riveduta tal-inventarju tal-gassijiet serra għal dawk is-snin u jiżgura li r-riżultat tal-kalkolu jkun rifless b'mod preċiż fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE.
- (18) Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni preċiża tal-konformità mal-obbligi tar-Regolament (UE) 2018/841 u sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess, jenħtieġ li r-Reġistru tal-Unjoni jippermetti li jsiru kontrolli awtomatizzati fuq kull tranżazzjoni mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 u, fejn meħtieġ, jenħtieġ li jimblokka kwalunkwe tranżazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dak ir-Regolament.
- (19) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiġi emendat kif xieraq,

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti rreġistrati, u għall-unitajiet maħluqa għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.”;

* Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u tneħħija mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u forestrija fil-qafas tal-klima u l-enerġija tal-2030, u li jemenda r-Regolament (UE)) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj>).

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(12) ‘tranżazzjoni’ tfisser proċess fir-Reġistru tal-Unjoni li jinvolti t-trasferiment ta' kwota, unità ta' allokkazzjoni tal-emissjonijiet annwali, unità ta' assorbiment tal-art, u unità ta' kwalunkwe allokkazzjoni tal-flessibbiltà kif stabbilit fl-Artikoli 13, 13a u 13b tar-Regolament (UE) 2018/841 minn kont wieħed għal ieħor;”;

(b) jiżdiedu l-punti (27) sa (32) li ġejjin:

“(27) ‘l-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF’ tfisser il-perjodu ta' 5 snin, mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025, li matulu l-Istati Membri għandhom iqisu l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jseħħu fil-kategoriji tal-kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/841;

(28) ‘it-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF’ tfisser il-perjodu ta' 5 snin mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030, li matulu l-Istati Membri għandhom jirrapportaw għall-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jseħħu fil-kategoriji jew fis-setturi tar-rapportar tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2018/841;

(29) ‘unità ta' assorbiment tal-art’ (‘LRU’, Land Removal Unit) tfisser assorbiment eċċessiv fi Stat Membru kkalkolat bħala d-differenza bejn l-emissjonijiet u l-assorbimenti kontabilizzati jew irrapportati qabel l-użu ta' kwalunkwe flessibbiltajiet, meta mqabbla mal-impenn jew mal-mira ddeterminata għal dak l-Istat Membru ugwali għal tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju;

(30) ‘unità ta' allokkazzjoni tal-flessibbiltà tal-art forestali ġestita’ (‘MFLFA’, Managed Forest Land Flexibility Allocation) tfisser subdiviżjoni ta' ammont massimu ta' kumpens disponibbli għall-Istati Membri fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF taħt il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita, kif iddeterminat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/841 u fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament, ugwali għal tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju;

(31) ‘unità ta’ allokkazzjoni ta’ flessibilità addizzjonali għall-Finlandja’ (‘AFAF’, Additional Flexibility Allocation for Finland) tfisser subdiviżjoni ta’ ammont massimu ta’ kumpens disponibbli għall-Finlandja fl-ewwel perjodu ta’ konformità tal-LULUCF taħt il-kumpens addizzjonali għall-Finlandja, kif iddeterminat fl-Artikolu 13a tar-Regolament (UE) 2018/841, ugwali għal tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ diossidu tal-karbonju’;

(32) ‘unità ta’ allokkazzjoni tal-flessibilità fl-użu tal-art’ (‘LUFA’, Land Use Flexibility Allocation) tfisser subdiviżjoni ta’ ammont massimu ta’ kumpens disponibbli għall-Istati Membri fit-tieni perjodu ta’ konformità tal-LULUCF taħt il-mekkaniżmu ta’ flessibilità fl-użu tal-art, kif iddeterminat fl-Artikolu 13b tar-Regolament (UE) 2018/841 u fl-Anness VII ta’ dak ir-Regolament, ugwali għal tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ diossidu tal-karbonju’;

(3) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-Reġistru tal-Unjoni sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/841. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jipprovdi lill-amministraturi nazzjonali u lid-detenturi tal-kontijiet bil-proċessi stabbiliti f’dan ir-Regolament.”;

* Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta’ Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj>);

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. L-amministratur ċentrali, l-awtoritajiet kompetenti u l-amministraturi nazzjonali għandhom iwettqu biss il-proċessi meħtieġa sabiex iwettqu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom f’konformità mad-Direttiva 2003/87/KE, mar-Regolament (UE) 2018/842, u mar-Regolament (UE) 2018/841.”;

(5) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“1a. Għall-ewwel perjodu ta’ konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiftaħ il-Kont ta’ Konformità tal-Unjoni għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (“Kont ta’ Konformità tal-LULUCF tal-UE”), Kont ta’ Konformità tal-LULUCF wieħed għal kull Stat Membru (“Kont ta’ Konformità tal-LULUCF ta’ Stat Membru”), Kont ta’ Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja, Kont Ċentrali tal-Allokkazzjoni tal-Flessibilità tal-Art Forestali Ġestita tal-Unjoni (“Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE”), u l-Kont ta’ Tħassir tal-LULUCF tal-UE.”

“1b. Għat-tieni perjodu ta’ konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiftaħ il-Kont ta’ Konformità tal-LULUCF tal-UE, Kont ta’ Konformità tal-LULUCF ta’ Stat Membru għal kull Stat Membru u Kont Ċentrali tal-Allokkazzjoni għall-Flessibilità fl-Użu tal-Art tal-Unjoni (“Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE”).”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-amministratur nazzjonali maħtur skont l-Artikolu 7(1) għandu jaġixxi bħala rappreżentant awtorizzat tal-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR u tal-Kontijiet ta' Konformità ta' LULUCF tal-Istati Membri.”;

(6) jiddaħħal l-Artikolu 27b li ġej:

“Artikolu 27b

Għeluq tal-Kontijiet tal-LULUCF

1. L-amministratur ċentrali għandu jagħlaq Kont ta' Konformità ta' LULUCF ta' Stat Membru mhux aktar kmieni minn xahar wara d-determinazzjoni tal-figura tal-istatus ta' konformità għal dak il-kont skont l-Artikolu 59ad u wara li jagħti notifika minn qabel lid-detentur tal-kont.

2. Għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment tal-LRUs kollha li jifdal mill-Kontijiet ta' Konformità ta' LULUCF tal-Istati Membri li huma pożittivi fl-għeluq, għall-Kont tal-Konformità tal-LULUCF tal-UE.

3. Għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment tal-AFAFs kollha li jifdal mill-Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja għall-Kont ta' Tħassir tal-LULUCF tal-UE.

4. Fil-kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula sa 30 %, iżda mhux aktar minn 20 miljun tonnellata ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju, ta' LRUs mhux użati biex jibqgħu fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE u jittrasferixxi kwalunkwe LRUs żejda għall-Kont ta' Tħassir tal-LULUCF tal-UE.

5. Għat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment tal-LRUs kollha li jifdal mill-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri li huma pożittivi fl-għeluq, il-LUFAs kollha li jifdal mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE, u l-MFLFAs kollha li jifdal mill-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE, għall-Kont ta' Tħassir tal-LULUCF tal-UE.”;

(7) fit-Titolu IIA, jiżdied il-Kapitolu li ġej:

“Kapitolu 2

Tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/841

Artikolu 59t

Introduzzjoni tad-data rilevanti tal-LULUCF

1. Għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, b'mod f'waqtu u malli tkun disponibbli d-data riveduta rilevanti dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-2027, l-amministratur ċentrali għandu jdaħħal fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru s-somma tal-kwantitajiet tal-emissjonijiet kontabbilizzati jew tal-assorbimenti kontabbilizzati f'kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (f), tar-Regolament (UE) 2018/841.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li s-somma tal-emissjonijiet kontabbilizzati u tal-assorbimenti kontabbilizzati għal kull Stat Membru, imsemmija fil-paragrafu 1, tiddaħħal fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE.
3. Għat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, b'mod f'waqtu u malli tkun disponibbli d-data riveduta rilevanti dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-2032, l-amministratur ċentrali għandu jdaħħal fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru s-somma tal-kwantitajiet tal-emissjonijiet irrapportati u tal-assorbimenti rrapportati fil-kategoriji jew is-setturi tar-rapportar tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(2), il-punti (a) sa (j) tar-Regolament (UE) 2018/841.
4. Għat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE jirrifletti l-mira tal-Unjoni kif stabbilita fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/841, u l-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru jirrifletti l-valur stabbilit għal dak l-Istat Membru fil-Kolonna C tal-Anness IIa tar-Regolament (UE) 2018/841. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura wkoll li l-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru jirrifletti l-baġit u t-trajettorja stabbiliti għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4), u mal-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2018/841 għas-snin 2026, 2027, 2028 u 2029.
5. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li s-somma tal-emissjonijiet irrapportati u tal-assorbimenti rrapportati għal kull Stat Membru, imsemmija fil-paragrafu 3, tiddaħħal fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE.

Artikolu 59u

Kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru u tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE

1. Mal-introduzzjoni tad-data rilevanti tal-LULUCF skont l-Artikolu 59t ta' dan ir-Regolament relatata mal-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula l-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru billi jnaqqas il-kwantitajiet totali ta' emissjonijiet mill-kwantitajiet totali ta' assorbimenti f'kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art kif imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (f), tar-Regolament (UE) 2018/841. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jinkludi s-somma tar-riżultati tal-kalkolu fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE.
2. Mal-introduzzjoni tad-data rilevanti tal-LULUCF skont l-Artikolu 59t ta' dan ir-Regolament relatata mat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula l-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru billi jnaqqas il-kwantità totali ta' emissjonijiet mill-kwantità totali ta' assorbimenti f'kull kategorija jew settur tar-rapportar tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(2), il-punti (a) sa (j), tar-Regolament (UE) 2018/841. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jkun jirrifletti r-riżultat tal-kalkolu fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE.
3. Fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, fejn ikun hemm bidla fil-metodoloġija użata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, li tirriżulta f'differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif sottomessa fl-2020 għas-snin 2016, 2017 u 2018 u d-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif sottomessa għall-istess snin fl-2032, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula d-differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif sottomessa fl-2020 u d-data medja riveduta tal-

inventarju tal-gassijiet serra għall-istess snin kif sottomessa fl-2032. Abbażi tar-riżultati tal-kalkolu, ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jikkalkula mill-ġdid is-somma tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għall-Unjoni kollha kemm hi, kif stabbilit fil-Kolonna B tal-Anness IIA tar-Regolament (UE) 2018/841, sabiex jallinja mal-mira tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) ta' dak ir-Regolament.

4. Fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, fejn ikun hemm bidla fil-metodoloġija użata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, li tirriżulta f'differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif sottomessa fl-2025 għas-snin 2021, 2022 u 2023 u d-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra kif sottomessa għall-istess snin fl-2032, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula d-differenza bejn id-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra riveduta kif sottomessa fl-2025 u d-data medja tal-inventarju tal-gassijiet serra riveduta għall-istess snin kif sottomessa fl-2032. Abbażi tar-riżultati tal-kalkoli mwettqa f'konformità ma' dan il-paragrafu u mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jiżgura li l-baġit għall-Istati Membri jiġi kkalkolat mill-ġdid kif xieraq.

Artikolu 59v

Ħolqien tal-LRUs

1. Meta l-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru kkalkolat skont l-Artikolu 59u jkun pożittiv, l-amministratur ċentrali għandu jorog fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' dak l-Istat Membru għadd ta' LRUs li jikkorrespondu għall-kwantità ta' assorbimenti żejda għaż-żewġ perjodi ta' konformità tal-LULUCF.

2. Matul iż-żewġ perjodi ta' konformità tal-LULUCF, l-LRUs għandhom ikunu eliġibbli biss biex jittrasferixxu għal Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) 2018/841 u għall-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 59k ta' dan ir-Regolament.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jassenja lil kull LRU kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità mal-ħolqien tagħha.

Artikolu 59w

Trasferimenti ta' LRUs bejn il-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru li jkollu l-LRUs, u wara li jqis kwalunkwe LRUs ittrasferiti skont l-Artikolu 59x, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi kwantità mitluba ta' LRUs mill-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru rikjedenti għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru ieħor.

2. It-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ikun talab li jittrasferixxi ammont ta' LRUs li jaqbeż l-ammont meħtieġ mill-Istat Membru riċeventi sabiex il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tiegħu kkalkolat skont l-Artikolu 59u jinġieb għal zero;

(b) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa wara d-determinazzjoni tal-figura tal-istatus ta' konformità għall-perjodu ta' konformità partikolari skont l-Artikolu 59ad;

(c) l-ammont tal-LRUs disponibbli ma huwiex biżżejjed biex ikun jista' jsir tali trasferiment.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-LRUs ittrasferiti f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jintużaw biss għall-fini tal-issodisfar tal-obbligi tal-Istat Membru riċeventi skont l-Artikolu 4(1), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/841. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jimblokka kwalunkwe trasferiment sussegwenti tal-LRUs mill-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru riċeventi fil-Kont ta' Konformità tal-ESR tiegħu.

Artikolu 59x

Trasferimenti ta' LRUs u allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs, Annual Emission Allocations) bejn il-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri u l-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jidentifika u juri, fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru li għandu LRUs, il-kwantità ta' LRUs eliġibbli għat-trasferiment għall-Kont ta' Konformità tal-ESR ta' dak l-Istat Membru billi jnaqqas l-LRUs li mhumiex eliġibbli għat-trasferiment skont l-Artikolu 59w(3) mill-kwantità totali ta' LRUs fl-istess Kont ta' Konformità.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru li għandu LRUs, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi ammont rikjest ta' LRUs eliġibbli mill-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru rikjedenti għall-Kont ta' Konformità tal-ESR tiegħu. Trasferimenti bħal dawn għandhom jitwettqu biss f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 59k.

3. Meta, fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru kkalkolat skont l-Artikolu 59u jkun negattiv, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi kwantità rikjesta ta' AEAs mill-Kont ta' Konformità tal-ESR tas-sena rilevanti tal-Istat Membru rikjedenti għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF. Tali trasferimenti ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ikun talab li jittrasferixxi ammont ta' AEAs li jaqbeż l-ammont meħtieġ sabiex il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ikkalkolat skont l-Artikolu 59u jinġieb għal zero;

(b) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa aktar minn 3 xhur wara l-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru għall-perjodu partikolari;

(c) l-istatus tal-Kont ta' Konformità tal-ESR ma jippermettix tali trasferiment.

4. Meta, fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, is-somma tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru kkalkolata skont l-Artikolu 59u tkun taħt il-mira stabbilita fil-Kolonna C tal-Anness IIA tar-Regolament (UE) 2018/841 għal dak l-Istat Membru, jew tkun taħt il-baġit stabbilit għal dak l-Istat Membru l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi kwantità mitluba ta' AEAs mill-Kont ta' Konformità tal-ESR għal sena partikolari tal-Istat Membru rikjedenti għall-Kont ta' Konformità tal-

LULUCF tiegħu. Tali trasferimenti ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ikun talab li jittrasferixxi ammont ta' AEAs li jaqbeż l-ammont mehtiegħ sabiex il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ikkalkolat skont l-Artikolu 59u jingiebb konformi mal-mira stabbilita fil-Kolonna C tal-Anness IIA tar-Regolament (UE) 2018/841 għal dak l-Istat Membru jew konformi mal-baġit kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2018/841;

(b) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa aktar minn 3 xhur wara l-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru għall-perjodu partikolari;

(c) l-istatus tal-Kont ta' Konformità tal-ESR ma jippermettix tali trasferiment.

5. L-amministratur ċentrali għandu jżgura li l-AEAs ittrasferiti f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu jintużaw biss għall-fini tal-issodisfar tal-obbligi tal-Istat Membru skont l-Artikolu 4(1), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/841 u li dawk it-trasferimenti jiġu riflessi fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jimblokka kwalunkwe trasferiment sussegwenti tal-AEAs mill-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru riċeventi għall-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stati Membri oħrajn.

6. Meta Stat Membru jkun biħsiebu jagħmel użu mill-flessibilità msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2018/841, tali talba għandha tiġi sottomessa fi żmien 3 xhur wara l-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Artikolu 59y

Ħolqien tal-MFLFAs

1. Għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu johlq fil-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għadd ta' MFLFAs ugwali għal 50 % tal-ammont totali ta' kumpens disponibbli għall-perjodu mill-2021 sal-2030 kif stabbilit fit-tieni kolonna tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/841.

L-ammont ta' MFLFAs eliġibbli għat-trasferiment mill-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għal Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru għall-ewwel perjodu ta' konformità ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat kif stabbilit fit-tieni kolonna tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/841.

2. L-MFLFAs għandhom ikunu validi biss għall-ibbilanċjar tal-assorbimenti kontabbilizzati bħala emissjonijiet fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art forestali ġestita tal-Istat Membru kkonċernat bil-għan li jissodisfa l-obbligi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/841. L-MFLFAs għandhom ikunu eliġibbli biss għal trasferiment mill-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-amministratur ċentrali għandu jżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jassenja lil kull MFLFA kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità mal-ħolqien tagħha.

Artikolu 59z

Trasferiment tal-MFLFAs għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-kwantità mitluba ta' MFLFAs mill-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru rikjedenti. Tali trasferimenti ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF ikkalkolat skont l-Artikolu 59u jkun żero jew pożittiv;

(b) l-Istat Membru jkun talab li jittrasferixxi ammont ta' MFLFAs li jaqbeż l-ammont meħtieġ sabiex il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF ikkalkolat skont l-Artikolu 59u jinġieb għal zero;

(c) il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, ikkalkolat skont l-Artikolu 59u, u wara li jitqies kwalunkwe trasferiment imwettaq skont l-Artikolu 59x, ikun negattiv;

(d) l-Istat Membru jkun talab li jittrasferixxi ammont ta' MFLFAs li jaqbeż 50 % tal-ammont massimu ta' kumpens disponibbli għal dak l-Istat Membru kif stabbilit fit-tieni kolonna tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/841, ikkalkolat mill-ġdid jekk meħtieġ, filwaqt li titqies kwalunkwe talba preċedenti skont dan l-Artikolu mill-istess Stat Membru;

(e) l-Istat Membru jkun talab li jittrasferixxi ammont ta' MFLFAs li jaqbeż il-kwantità ta' bjar kontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza tal-foresti tiegħu fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art forestali ġestita ta' dak l-Istat Membru;

(f) l-Istat Membru jkun talab it-trasferiment ta' ammont ta' MFLFAs biex ikopri defiċit f'kategorija ta' kontabbiltà tal-art għajr il-kategorija ta' kontabbiltà tal-art forestali ġestita;

(g) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa wara li jiġu ddeterminati l-figuri tal-istatus ta' konformità għall-perjodu ta' konformità partikolari;

(h) l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2018/841.

2. Meta l-emissjonijiet totali ta' Stat Membru jaqbeż l-assorbimenti totali fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art forestali ġestita, u wara li jiġi eżawrit il-kumpens previst f'konformità mal-ewwel sentenza tal-paragrafu 1, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi ammont mitlub ta' MFLFAs sa ammont mhux użat minn Stati Membri oħrajn tal-ammont sħiħ ta' kumpens għall-perjodu mill-2021 sal-2025, kif imsemmi fl-Artikolu 59y(1), li jinsab fil-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għal Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru, diment li l-Istat Membru rikjedenti jkun issottometta evidenza lill-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2018/841.

3. Meta t-talbiet mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 2 jaqbeż l-ammont ta' MFLFAs disponibbli fil-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE, l-amministratur ċentrali għandu jqassam l-MFLFAs li jifdal fuq bażi *pro rata*.

4. Sabiex jiġi evitat għadd doppju, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li meta jwettaq it-trasferimenti f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3, ir-Reġistru tal-Unjoni jnaqqas il-kwantitajiet korrispondenti ta' MFLFAs mill-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE.

Artikolu 59aa

Ħolqien ta' LUFAs

1. Għat-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, l-amministratur ċentrali għandu johlqoq fil-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE għadd ta' LUFAs ugwali għall-ammont massimu ta' 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju disponibbli għall-Istati Membri kollha għall-perjodu mill-2026 sal-2030.

L-ammont ta' LUFAs eliġibbli għat-trasferiment mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE għal Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru għat-tieni perjodu ta' konformità ma għandux jaqbeż 50 % tal-ammont massimu ta' kumpens disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat kif stabbilit fit-tieni kolonna tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/841.

2. Il-LUFAs għandhom ikunu validi biss biex jiġu bilanċjati l-emissjonijiet netti jew l-assorbimenti netti, jew it-tnejn, kontabbilizzati bħala emissjonijiet meta mqabbla mal-mira jew mal-baġit stabbilit għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/841. Il-LUFAs għandhom ikunu eliġibbli biss għal trasferiment mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/841.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jassenja lil kull LUFA kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità mal-ħolqien tagħha.

Artikolu 59ab

Trasferiment tal-LUFAs u tal-MFLFAs għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-kwantità rikjesta ta' LUFAs mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru rikjedenti. Tali trasferimenti ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 13b(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/841;

(b) l-Istat Membru ma jkunx eżawrixxa l-possibbiltà li jittrasferixxi kwalunkwe eċċess ta' AEAs mill-Kont ta' Konformità tal-ESR tiegħu għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tiegħu f'konformità mal-Artikolu 59x;

(c) il-mira tal-Unjoni għall-2030 kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/841, ikkalkulata skont l-Artikolu 59u(2), (3) u (4) ta' dan ir-Regolament, u wara li jitqies kwalunkwe trasferiment imwettaq skont l-Artikolu 59x, ma tkunx ġiet issodisfata.

2. Għall-fini tal-valutazzjoni dwar jekk il-mira tal-Unjoni għall-2030 kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ġietx issodisfata, u wara li jitqies kwalunkwe aġġustament metodoloġiku mwettaq skont l-Artikolu 59u(3), l-amministratur ċentrali għandu jqis kwalunkwe LRUs mhux użati li jifdal fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE għall-ewwel perjodu ta' konformità wara li jkun twettaq it-trasferiment ta' LRUs eċċessivi skont l-Artikolu 27b(4), dment li Stat Membru wieħed jew aktar ikunu ppreżentaw evidenza lill-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali f'konformità mal-Artikolu 13b(5) tar-Regolament (UE) 2018/841.

3. Meta d-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti fi Stat Membru, u l-mira ta' dak l-Istat Membru jew il-baġit tal-Istat Membru kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/841, tkun negattiva, u wara li jiġi eżawrit il-kumpens imsemmi fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi ammont mitlub ta' LUFAs sa ammont mhux użat minn Stati Membri oħrajn tal-ammont sħiħ ta' kumpens għall-perjodu mill-2026 sal-2030, kif imsemmi fl-Artikolu 59aa(1) ta' dan ir-Regolament, li jinsab fil-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE, għal Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru, sakemm l-Istat Membru rikjedenti jkun issottometta evidenza lill-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali f'konformità mal-Artikolu 13b(5) tar-Regolament (UE) 2018/841.

4. Meta t-talbiet mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 3 jaqbz u l-ammont ta' LUFAs mhux użati disponibbli fil-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE, l-amministratur ċentrali għandu jqassam il-LUFAs li jifdal fuq bażi *pro rata*.

5. Meta d-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti fi Stat Membru, u l-mira ta' dak l-Istat Membru jew il-baġit tal-Istat Membru kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/841, tkun negattiva, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi ammont mitlub ta' LUFAs mit-tieni perjodu ta' konformità u MFLFAs mhux użati mill-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF sal-ammont sħiħ ta' kumpens mhux użat fil-perjodu mill-2021 sal-2030, kif stipulat fit-tieni kolonna tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2018/841, iżda li ma jaqbiżx il-50 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju b'kollox, mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE u l-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru rikjedenti. Tali trasferimenti ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru ma jkunx eżawrixxa l-possibbiltà li jittrasferixxi kwalunkwe eċċess ta' AEAs mill-Kont[ijiet] ta' Konformità tal-ESR tiegħu għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tiegħu f'konformità mal-Artikolu 59x;

(b) l-Istat Membru ma jkunx eżawrixxa l-użu tal-flessibbiltajiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3;

(c) l-Istat Membru ma jkunx issottometta lill-Kummissjoni l-evidenza msemmija fl-Artikolu 13b(6), il-punt (i), jew fl-Artikolu 13b(6), il-punt (ii) tar-Regolament (UE) 2018/841;

(d) l-Istat Membru ma jkunx issodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 13b(6), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2018/841.

6. Sabiex jiġi evitat għadd doppju, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li meta jwettaq it-trasferimenti f'konformità ma' dan l-Artikolu, ir-Reġistru tal-Unjoni jnaqqas il-kwantitajiet korrispondenti ta' LUFAs jew MFLFAs ittrasferiti għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru rikjedenti mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE u l-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE.

7. Għall-fini tal-paragrafi 1 u 5, ikun hemm surplus fil-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR jekk, fiż-żmien tat-talba għat-trasferiment tal-LUFAs, is-somma tal-AEAs fil-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR tal-Istat Membru kkonċernat għas-snin mill-2026 sal-2030 tkun oġġla mis-somma tal-emissjonijiet fl-istess kontijiet ta' konformità.

Artikolu 59ac

Ħolqien u trasferiment tal-AFAFs

1. L-amministratur ċentrali għandu johlq fil-Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja għadd ta' AFAFs ugwali għall-ammont massimu ta' 5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jassenja lil kull AFAF kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità mal-ħolqien tagħha.
2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba tal-Finlandja, ir-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi ammont rikjest ta' AFAFs mill-Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Finlandja. Tali trasferimenti ma għandhom jitwettqu fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:
 - (a) it-trasferiment mitlub għandu jintuża f'kategoriji ta' kontabbiltà tal-art għajr art forestali ġestita, art deforestata, art agrikola ġestita u merġhat ġestiti;
 - (b) il-Finlandja ma tkunx issodisfat il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 13a(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2018/841;
 - (c) il-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, ikkalkolat skont l-Artikolu 59u, u wara li jitqies kwalunkwe trasferiment imwettaq skont l-Artikolu 59x, ikun negattiv;
 - (d) it-trasferiment mitlub jaqbeż l-ammont ta' AFAFs disponibbli għall-Finlandja fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF skont l-Artikolu 13a tar-Regolament (UE) 2018/841;
 - (e) l-emissjonijiet maħluqa permezz ta' bidla storika minn art forestali għal kwalunkwe kategorija oħra ta' użu tal-art ikunu seħħew wara l-31 ta' Diċembru 2017;
 - (f) it-trasferiment mitlub jaqbeż l-ammont meħtieġ għall-konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/841;
 - (g) it-talba tal-Finlandja tiġi sottomessa wara li tiġi ddeterminata l-figura tal-istatus ta' konformità għall-ewwel perjodu ta' konformità.
3. L-amministratur ċentrali għandu jimblokka kwalunkwe trasferiment sussegwenti tal-AFAFs mill-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru għall-Finlandja.

Artikolu 59ad

Determinazzjoni tal-figuri tal-istatus ta' konformità u tal-konformità

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li wara perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 38(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999 għall-eżerċizzju ta' flessibbiltajiet skont l-Artikoli 12, 13, 13a u 13b tar-Regolament (UE) 2018/841, ir-Reġistru tal-Unjoni jiddetermina l-figura tal-istatus ta' konformità għall-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri billi jnaqqas il-kwantità totali ta' emissjonijiet kontabilizzati jew irrapportati mill-kwantità totali ta' assorbimenti kontabilizzati jew irrapportati filwaqt li jqis kwalunkwe flessibbiltà użata skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u r-Regolament (UE) 2018/842 fil-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru.
2. Fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF, meta l-figura tal-istatus ta' konformità tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru ddeterminata skont il-paragrafu 1 tkun negattiva, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' dak l-

Istat Membru l-kwantità ta' AEAs meħtieġa sabiex il-figura tal-istatus ta' konformità tinġieb għal zero, f'partijiet indaqs mill-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR tal-Istat Membru kkonċernat għas-snin 2021, 2022, 2023, 2024 u 2025. Jekk il-kwantità ta' AEAs meħtieġa sabiex il-figura tal-istatus ta' konformità tinġieb għal zero ma tkunx multiplu ta' ħamsa, il-kwantità ta' AEAs li taqbeż l-ogħla multiplu ta' ħamsa għandha tiġi ttrasferita f'partijiet indaqs mill-kontijiet ta' konformità tas-snin 2022, 2023, 2024 u 2025, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, f'partijiet indaqs mill-kontijiet ta' konformità tas-snin 2023, 2024 u 2025, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, f'partijiet indaqs mill-kontijiet ta' konformità tas-snin 2024 u 2025, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, mill-kont ta' konformità tal-2025.

3. Bħala konsegwenza tal-paragrafu 2, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jerġa' jikkalkula l-figura tal-istatus ta' konformità għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jqis l-ammonti ta' AEAs ittrasferiti.

4. Meta l-figura tal-istatus ta' konformità ta' Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru ddeterminata skont il-paragrafu 1 tkun pożittiva, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-LRUs kollha li jifdal għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tal-UE.

5. Fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, jekk Stat Membru jonqos milli jikkonforma mal-baġit stabbilit għal dak l-Istat Membru, ikkalkolat mill-ġdid, jekk meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 59u(4), l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju tal-emissjonijiet netti jew l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra żejda kontabbilizzati bħala emissjonijiet, immultiplikati b'fattur ta' 1,08, għall-figura tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra rrapportata minn dak l-Istat Membru fl-2032 għas-sena 2030 kif stipulat fil-Kolonna C tal-Anness IIA tar-Regolament (UE) 2018/841.”;

(8) fl-Artikolu 70, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq kontrolli awtomatizzati, filwaqt li jqis l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-data previsti fl-Artikolu 75 ta' dan ir-Regolament għall-proċessi kollha sabiex jiġu identifikati irregolaritajiet u diskrepanzi, meta l-proċess propost ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE, tar-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/842, u ta' dan ir-Regolament.”;

(9) L-Annessi I u XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huma emendati f'konformità mal-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.1.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN